

**Brussell, 27 ta' Marzu 2025
(OR. en)**

7537/25

**MIGR 110
JAI 385
ASIM 25
FRONT 74
FIN 352**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	27 ta' Marzu 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7001/25 + COR 1	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 26/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: L-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE – Appoġġ rilevanti mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, iżda l-impatt tiegħu kien għadu ma jistax jintwera – <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (27 ta' Marzu 2025)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Rapport Speċjali Nru 26/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "L-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE – Appoġġ rilevanti mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, iżda l-impatt tiegħu kien għadu ma jistax jintwera",

approvati mill-Kunsill (Ambjent) fl-4089 laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Marzu 2025.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

Rapport Speċjali Nru 26/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat:

"L-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE – Appoġġ rilevanti mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, iżda l-impatt tiegħu kien għadu ma jistax jintwera"

IL-KUNSILL

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali 26/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem "il-Qorti").
2. JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat l-użu effettiv tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, b'mod partikolari fl-appoġġ ta' miżuri ta' integrazzjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u fl-indirizzar tal-isfidi soċjoekonomiċi fl-UE.
3. JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-rapport, b'mod partikolari li:
 - Il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni kellu rwol rilevanti fl-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE, iżda li l-impatt tiegħu kien għadu ma jistax jintwera.
 - Il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni jipprovdi qafas leġiżlattiv ċar għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi iżda jiffaċċa kumplessità amministrattiva.
 - Il-koordinazzjoni bejn il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-Fond Soċjali Ewropew kienet limitata bejn l-2014 u l-2020 iżda tgiebet bejn l-2021 u l-2027.
 - Il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni jappoġġa l-attivitajiet ta' integrazzjoni rilevanti, għalkemm l-adattament għal gruppi speċifiċi jvarja skont l-Istat Membru.
 - Il-limitazzjonijiet fil-monitoraġġ u l-għbir tad-data jfixxlu l-valutazzjoni sħiħa tal-impatt tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni fuq l-integrazzjoni fl-UE.

4. JILQA' l-allokazzjoni ta' żieda fil-baġit għall-miżuri ta' integrazzjoni taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għall-2021–2027, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tiegħu fl-indirizzar tal-lakuni soċjoekonomiċi li jiffaċċaw iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u t-titjib tal-effiċjenza u l-effettività ta' proġetti relatati.
5. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, b'mod partikolari:
 - Tanalizza kif tista' tidentifika n-nuqqasijiet fil-finanzjament u tissimplifika l-programmazzjoni tal-appoġġ għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u tirrapporta dwar is-sejbiet tagħha lill-Kunsill.
 - Tiġbor, tanalizza u xxerred l-aħjar Prattiki dwar l-appoġġ għal miżuri ta' integrazzjoni mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.
 - Ittejjeb l-affidabbiltà tad-data, il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-appoġġ għall-integrazzjoni mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.
 - Tanalizza kif tista' ttejjeb il-qafas għar-rappurtar biex tippermetti l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-appoġġ mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għall-perkorsi ta' integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.